**Is-sena li għaddiet, is-Sur Emmanuel Maggi, ex-Rappreżentant tal-Banda San Gejtanu, kiteb artiklu dwar il-Maġġur Anthony Aquilina, wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin tal-marċi.**

**Din is-sena, is-Sur Maggi ddeċieda li jikteb artiklu nteressanti ieħor, din id-darba dwar Mro. Vincenzo Ciappara, surmast li matul is-snin irregala lill-Banda San Gejtanu diversi marċi sbieħ.**

# Mro. Vincenzo Ciappara, ir-Re tal-Marċi Maltin

*— minn Emmanuel Maggi —*

**■ Vinċenzo Ciappara twieled il-belt Valletta nhar is-6 ta' Novembru, 1890. Vinċenzo beda l-ħajja mużikali tiegħu b'kumbinazzjoni għax l-għanijiet tiegħu bħala student fil-Liċeo kienu differenti minn dik ta' mużiċist.**

Is-Sur Karm Ciappara, missier Ċensu kien mużiċist ġewwa t-teatru Irjal u darba rebaħ vjolin. B'hekk is-Sur Karm ħajjar lill-ibnu jitgħallem il-mużika u l-vjolin u Vinċenzo ta' 10 snin beda l-mixja tal-ħajja mużikali tiegħu li kellha twasslu sa l'għola quċċati fil-qasam mużikali.

Meta ra li ħobżtu kellha tkun il-mużika flok l-iskola Vinċenzo Ciappara, bil-pariri ta' missieru, beda jieħu t-tagħlim mużikali għand diversi surmastrijiet magħrufa fil-qasam tal-mużika f'dawk iż-żminijiet, fosthom Antonio Nani, Paolino Vassallo, Carlo Diacono u Aurello Doncich.

Ta' 14-il sena Vinċenzo beda jdoqq il-vjolin fil-knejjes. Il-magħruf Antonio Nani tant impressjona ruħu bil-kapaċità ta' Vinċenzo bil-vjolin li ma damx ma daħħlu fil-kappella tiegħu.

Ta' 17-il sena Vinċenzo Ciappara daħal fl-orkestra tat-Teatru Irjal bħala vjolinista u kien ta' unur kbir għalih li ta' età hekk żgħira kien jagħmel parti mill-orkestra tar-Royal Opera House li dak iż-żmien biex tkun mużiċist ma' din l-orkestra ridt tkun kapaċi fil-mużika. Tant ipprometta fuq il-korda li

li ma damx ma intgħażel biex ikun il-vjolin u vjola prim.


Mro. Ciappara

Fuq rakomandazzjoni ta' l-imprezarju l-Kavallier De Lancellotti, Vinċenzo kien il-professur tal-vjola ġewwa t-teatru Irjal. Bħala professur tal-vjola ġewwa t-teatru Irjal dam għal 18-il sena u b'kollox il-konnessjoni tiegħu mar-Royal Opera House damet 32 sena, mill-1907 sa 1939.

Vinċenzo baqa' jħabbrek u jistudja. Għall-ewwel beda l-istudju waħdu u wara kompla fl-istitut ta' Pawlino Vassallo. Fl-armonija u orkestrazzjoni Vinċenzo kien taħt il-ħarsien ta' Mro. Karlu Diacono u żied u tkisser fl-istrumentazzjoni tal-banda taħt il-gwida ta' Mro. Aurello Doncich.

Issa Vinċenzo Ciappara tant kiseb esperjenza wera kapaċità kbira li Mro. Diacono Maestro di Kappella tal-Katidral, kien jafdalu s-servizzi sagri fil-katidral biex jiddiriġihom.

Minn hawn tista' tgħid li s-surmast Vinċenzo Ciappara beda l-karriera ta' surmast direttur. Mro. Diacono kien is-surmast direttur li ħajru u ħeġġu biex jibda jidderiġi xi baned.

Fl-1923 sar direttur tal-Banda Annunzjata ta' Ħal Tarxien, fl-1926 tal-Banda De Rohan, Żebbuġ, Malta u fl-1928 tal-Banda Konti Ruġġieru, Rabat li dam surmast direttur tagħha għal 50 sena sħaħ.

Is-surmast Ciappara idderiġa wkoll diversi baned oħra fosthom:- Il-King'Own tal-Belt Valletta, Prince of Wales tal-Birgu, La Vittoria tal-Mellieħa u tnejn minn Għawdex: dawk tal-Belt Victoria, La Stella u Leone.

B'kollox is-surmast Vinċenzo Ciappara idderiġa tmien baned:- 6 Maltin u 2 Għawdxin u mhux l-ewwel darba li dderiġa l-banda nazzjonali.

Is-surmast Ciappara idderiġa wkoll concerts, operetti, speċjalment dawk tal-Bank Sports Association dawk iż-żminijiet u ballets mill-alljevi tal-Prinċipessa Tabone.

Dawk iż-żminijiet il-Maestro tal-Kappella tal-Katidral, ir-Rev Patri Albert Borg kellu bżonn li jmur kors ta' 3 snin ġewwa Ruma fuq studju mużikali. B'hekk l-arċisqof ried isib sostitut ta' Patri Albert Borg biex ikun il-Maestro di Cappella sakemm jirritorna lura minn Ruma u l-għażla waqgħet fuq is-surmast Vinċenzo Ciappara.

Vinċenzo Ciappara ikkompona numru kbir ta' marċi brijużi, funebri u sinfoniċi kif ukoll għadd kbir ta' diski bil-mużika tiegħu.

Ikkompona ukoll innijiet bħal:-

'Ir-Rebbiegħa tal-1565' versi tal-Kav Ġużè Muscat Azzopardi, proprjetà tal-Banda Konti Ruġġieru, 'Lill-Bambina' versi ta' Nikol Biancardi, proprjetà

tal-Banda Imperial tal-Mellieħa u ħafna oħrajn.

Ikkompona wkoll innijiet popolari fosthom:-

'Madonna' tal-Mġarr ta' Malta, 'Lil San Pawl' tar-Rabat, Malta, 'Lil De Rohan' Banda De Rohan, Żebbuġ, Malta, 'Empire Unity' Preludju In Re, esegwiti fil-British Institute u Overture 'Livia'. Mill-pinna ta' Vinċenzo ħarġu wkoll salmi, mużika sagra, innijiet, antifoni, quddies u bosta kitbiet mużikali oħra.

L-aħħar quddiesa tiegħu żżanżnet fil-knisja ta' San Pawl ir-Rabat, Malta fil-festa taċ-Ċirkolu Mużikali Konti Ruġġieru, fil-katidral nhar il-konverżjoni ta' San Pawl u fil-Kon Katidral ġiet diretta minn Vinċenzo nnifsu.

Waħda mill-ġranet li Vinċenzo Ciappara dejjem baqa' jiftakar kienet l-Erbgħa 5 ta' Mejju 1954. Dik il-ġimgħa hawn Malta kien hawn fuq żjara il-M.T. ir-reġina Eliżabetta II. Għall-okkażjoni l-Malta Band Clubs Association organizzat kunċert mill-Banda Nazzjonali. Il-Banda kienet ġiet diretta minn ħames surmastrijiet magħrufa ta' dawk iż-żminijiet. Dawn kienu:- Mro. Joseph Busuttil, Joseph Abela Scolaro, Willie Attard, Anthony Sammut u Vincenzo Ciappara.

Kull wieħed minn dawn is-surmastrijiet li semmejna kellu jidderiġi parti minn dan il-kunċert. Imma ġara li meta kien imiss Vinċenzo biex jaqbad il-bakketta bdiet niżla xita bil-qliel u kellu jitħassar nofs il-programm.

Is-surmast Vinċenzo Ciappara kien imfittex ukoll għat-tagħlim mużikali u minn taħt idejh ħarġu ħafna mużiċisti tajbin u mfittxija bħala solisti. Kien hemm diversi surmastrijiet magħrufa li ħarġu minn taħt idejn is-Surmast Ciappara u wieħed minn dawn is-surmastrijiet mhux ħlief in-neputi ta' l-istess Vinċenzo, Carmelo Pace li ismu kien u jibqa' jissemma għall-ħila mużikali tiegħu.

Is-surmast Ciappara tista' tgħid li matul ħajtu qatt ma waqaf xejn fil-ħajja mużikali għax kien mehdi s-sena kollha jgħallem, jikkomponi marċijiet u mużika oħra għall-baned Maltin u Għawdxin, jistrumenta kompożizzjonijiet ta' diversi awturi, jikkunċerta u jidderieġi baned li kienu taħt il-ħarsien tiegħu.

Il-Mulej għoġbu sejjaħ lis-surmast Vincenzo Ciappara nhar id-29 ta' Lulju 1978 fl-età venerabbli ta' 88 sena, rikonoxxut minn kulħadd bħala kompożitur kbir u artist mużikali.

Surmast li mexxa f'marċi u xogħlijiet oħra mużikali s-sentimenti tal-poplu f'dawn il-gżejjer u fost ħutna l-emigranti.

Il-mużika tiegħu hija l-ħoss ta' dan il-poplu u fuq kollox tas-sentimenti l-aktar profondi ta' dan il-poplu devot u reliġjuż fil-knejjes, storbjuż u brijuż fit-toroq.

Is-surmast Vincenzo Ciappara m'għadux magħna iżda permezz ta' l-innijiet u l-marċi tiegħu dejjem jibqa' jgħix magħna u nħossu l-preżenza tiegħu, speċjalment fil-festi tagħna. Il-ħila mużikali tiegħu tibqa' il-monument li jgħaddu kemm jgħaddu snin ma jintesa qatt u t-timbru li ttimbra f'qalb id-dilettanti tal-marċ Malti ma jitħassar qatt, dak ta' *IR-RE TAL-MARĊI MALTIN.*